MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta ta' l-1 ta' Ottubru, 2003

Appell Kriminali Numru. 141/2003

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Mercieca)
Vs

David Gauci

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar is-16 t'Awissu, 2002 f'xi 15.00 hrs fi Triq il-Wileg fejn il-Mischievous Angels, Qawra :

1) kiser il-bon ordni w paci pubblika b'ghajjat, storbju w/jew glied;
2) fl-istess data, hin u lok hebb ghal Charoline Gauci w ikkagunalha ferita ta' natura hafifa skond kif iccertifika Dr. Gauci ta' St. Luke's Hospital;

3) fl-istess data, hin u cirkostanzi hedded lill-istess martu Charoline Gauci bi kliem;
4) fl-istess data, hin u cirkostanzi, volontarjament ghamel hsara fil-Peugeot 106 bin-numru tar-registrazzjoni CBI 314.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-7 ta' Lulju, 2003 li biha, wara li rat l-Artikoli 221(1), 338(dd), u 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali sabet lill-imputat hati w ikkundannatu ghal hlas ta' multa ta' mitt lira Maltin (LM100). Rat ukoll l-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali w taht penali ta' mitt lira Maltin (LM100) ghal zmien sena ordnat lill-imputat li ma jimmolestax lill Charoline Gauci jew familjari taghha.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-15 ta' Lulju 2003, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha in kwantu li lliberatu mir-raba' (4) akkuza migjuba kontrih, tilliberah mill-ewwel, it-tieni w it-tielet akkuza dedotti kontrih jew, sussidjarjament billi tnaqqas il-piena applikata.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti w cioe' : li fil-waqt li hu gie liberat mir-raba' akkuza fuq konflitt ta' provi , hu gie misjub hati fuq akkuzi ohra meta ma jirrizultawx fil-fatt u fid-dritt u sussidjarjament u bla pregudizzju li l-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellant ghall-hlas ta' multa ta' mitt lira Maltin (LM100) komplessivament u ma haditx in konsiderazzjoni id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 17 (d) tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta li, applikata ghall-kaz odjern , kienet twassal ghall-piena applikabbli ghall-kontravvenzjonijiet (art. 17 ( c ) tal-istess Kodici Kriminali) .

Fliet l-atti kollha processwali,

Semghet it-trattazzjoni ;

Ikkonsidrat ;

Illi l-ewwel aggravju jirrigwarda l-apprezzament ta' fatt li ghamlet l-Ewwel Qorti li wassalha biex illiberat lill-appellant mir-raba' imputazzjoni ta' danni volontarji fil-karozza w biex issib htija tal-ewwel tlitt imputazzjonijiet . Dan l-apprezzament ta' fatt sar mill-Qorti li semghet ix-xhieda li d-depozizzjonijiet taghhom jinsabu traskritti fil-process mentri din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita' li tisma x-xhieda hi stess "viva voce" biex tkun f'pozizzjoni ahjar li tivvaulthom.

Issa, kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta t' apprezzament tal-fatti , izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta' ligi w ta' ragjonevolezza. Fi kliem iehor tara jekk dik il-konkluzzjoni kienetx wahda "safe and satisfactory" fid-dawl tar-rizultanzi. (Ara. App. Krim. "Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et" [12.5.94] ; "Il-Pulizija vs. Amadeo Brincat et" [6.06.94] u ohrajn .)

"Illi appropositu din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza "R. v. Cooper" ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed." (Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991) , p. 1392)*

Ghalhekk jekk din il-Qorti izda tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti , fuq il-provi li kellha quddiemha , ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha , allura dik tkun raguni valida , jekk mhux addirittura impellenti , sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f’dan is-sens ‘inter alia’ “Ir-Repubblika ta’ Malta vs. George Azzopardi [14.2.89]; “Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace [31.5.91] u “l-Pulizija vs Anthony Zammit” [31.5.91] u ohrajn lkoll appelli kriminali.)

Issa din il-Qorti ghamlet dan l-apprezzament approfondit tal-provi kollha tal-prosekuzzjoni w tad-difiza , u ghalkemm hu minnu li hemm certu konflitt fil-provi bejn iz-zewg versjonijiet tal-kaz moghtija mill-appellant u minn martu – haga normali fil-maggor parti tal-processi penali - din il-Qorti ma thossx li l-Ewwel Qorti ma setghetx temmen in parti il-versjoni ta’ mart l-appellant u tiskarta dik minnu moghtija . Illi anki jekk hemm xi cirkostanzi li dwarhom jista’ jkun hemm xi dubju kif jissotommetti l-appellant, partikolarment dwar il-hsara fil-vettura li kienet fil-pussess ta’ mart l-appellant dak in-nhar tal-incident, l-appellant diga nghata l-beneficcju tad-dubju mill-Ewwel Qorti dwar ir-raba’ akkuza w fil-fatt gie liberat minnha. Mill-banda l-ohra hu fatt li mart l-appellant kienet sofriet griehi ta’ natura hafifa kif iccertifika w kkonferma bil-gurament Dr.Wojciech Sawicki (fols. 2-4 u 73-76 tal-process) . Li kien hemm storbju w ghajjat jirrizulta mix-xhieda tax-xhud indipendenti John Zammit (Fol. 23 sa fol-27) li ukoll xehed li f’hin minnhom ra lil Charoline Gauci “near the gate of another garage , getting , as if she was getting (up) from the ground”, fatt dan li jikkorrobora lill-istess Charoline Gauci meta tghid li zewgha tefaghha fl-art. Ghalhekk fil-fehma ta’ din il-Qorti , l-Ewwel Qorti kellha bizzejjed provi biex tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha .

Illi s-sottmissjoni tad-difiza li ghax ma rrizultatx pruvata r-raba imputazzjoni , allura dan ifisser necessarjament li Charoline Gauci kienet halfet il-falz u konsegwentement ma ghandhix tigi emmnuta fir-rigward tal-imputazzjonijiet l-ohra , ma treggix. L-ewwel nett ghax xhud jista’ jigi emmnut f’ kollox, jew in parti jew f’xejn , it-tieni ghaliex ,

fir-rigward tar-raba akkuza, ix-xhud indipendenti John Zammit ukoll xehed li sema' daqqa' fuq il-karozza w ra xi hsara w jidher li xi haga kien hemm , anki jekk mhux il-hsara li eventwalment tirrizulta fir-ritratti, u fit-tielet lok ghaliex dwar il-feriti riportati minn mart l-appellant u l-istorbju hemm korroborazzjoni minn xhieda indipendenti kif fuq intqal .

Illi l-Ewwel Qorti imkien ma ppronunzjat ruha fis-sens li Charoline Gauci kienet xehdet il-falz dwar ir-raba' imputazzjoni w inqas u inqas ma ordnat li jittiehdu xi passi ghall-gurament falz fil-konfront taghha. Kull ma ghamlet l-Ewwel Qorti kien li minhabba dubju ragjonevoli tat il-beneficcju ta' dak id-dubju dwar ir-raba' imputazzjoni lill-appellant . Kieku kull meta akkuzat jigi liberat minn xi akkuza partikolari minnhabba dubju ragonevoli , irid isegwi li jrid jigi liberat mill-akkuzi l-ohra kollha akkompanjanti , l-process penali jigi storpjat kompletament .

L-ewwel Qorti kellha umbaghad kull dritt li temmen il-versjoni ta' Charoline Gauci dwar it-theddid meta xehdet li zewgha kien qalilha "illi ma fadallhiex hajja u tista' taghmilli garanziji kemm trid , ghax hadd mhu ha jzommni milli naghmel dak li  ghandi naghmel ." (fol. 38) .

Illi umbaghad s-sentenza appellata hija ampjament motivata w anki kieku  din il-Qorti tista' ma taqbilx ma xi partijiet mill-motivazzjoni , ma thossx li dan ghandu jwassal biex hi  tissostiwixxi d-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha fuq l-apprezzament tal-fatti ghal dik tal-Ewwel Qorti, li wara kollox kellha l-vantagg u l-beneficcju li tisma' liz-zewg protagonisti ta' dan il-kaz u tizen lil min l-aktar li ghandha taghti l-aktar kredibilita' w affidabilita' .

Ghalhekk  dwar il-htija ma hemmx lok li din il-Qorti tibdel il-konkluzzjonijiet raggunti mill-Ewwel Qorti.

Illi dwar l-aggravju dwar il-piena inflitta mill-Ewwel Qorti, l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha

tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella" [14.6.1999] , "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina" [24.4.2003] u ohrajn.)

L-appellant qed jinvoka id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 17 (c) u (d) tal-Kap. 9 dwar il-konkors tal-pieni. Issa fill waqt li l-ewwel imputazzjoni ta' storbju kontemplata fl-artikolu 338 (dd) tal-Kodici Kriminali u t-tielet imputazzjoni ta' theddid koperta bl-artikolu 339 (1)(e) tal-Kodici Kriminali huma reati ta' natura kontravvenzjonali , punibbli fost ohrajn b'ammenda, li, skond l-artikolu 13 (1) il-massimu taghha hu ta' hamsa w ghoxrin lira Maltin (LM25) , it-tieni imputazzjoni li hebb ghall-martu Charoline Gauci w kkagunalha feriti ta' natura hafifa koperta bl-artikolu 221 (1) hija delitt u punibbli bil-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tlitt xhur jew il-multa. Umbaghad skond l-artikolu 11 (1) tal-Kap. 9 fejn il-ligi ma tghidx espressament xort' ohra, l-maximum tal-multa huwa hames mitt lira u l-minimum ghaxar liri. Ghalhekk f'dan il-kaz mhumiex applikabbli s-subincizi (c) u (d) tal-art . 17 imma s-subinciz (f) tal-istess artikolu li jghid li persuna misjuba hatja ta' aktar minn reat wiehed li ghalih hemm pieni pekunjarji , jinghata l-piena tal-multa jew ammenda oghola jew tal-oghla multa jew ammenda skond il-kaz, b'zieda ta' nofs kull wahda mill-multi jew ammendi l-ohra. Ghalhekk f'dan il-kaz l-appellant seta' gie kundannat ghall-multa ta' hames mitt lira Maltin (LM500) piu' nofs l-ammendi ghaz-zewg reati ta' natura kontravvenzjonali u cioe' hamsa u ghoxrin lira Maltin (LM25) ohra [LM25 + LM25 = LM50 divizi bin-nofs].

Ghalhekk il-multa komplessiva ta' mitt lira Maltin (LM100) li ghaliha gie kundannat l-appellant kienet altru milli taqa' fil-parametri legali w din il-Qorti hi sodisfatta li fic-cirkostanzi kienet wahda proporzjonata w intiza biex tevita rikorrenza ta' xi incidenti ohra bejn l-appellant u martu . Ghalhekk mhux il-kaz li din il-Qorti tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti ghar-rigward tal-piena.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------